

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13516/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0319 (BUD)

FIN 1146

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3 GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2025 Aġġustament fl-approprijazzjonijiet ta' pagament, aġġornament tad-dħul u aġġornamenti tekniċi oħra

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 850 final.

Mehmuż: COM(2025) 850 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.10.2025
COM(2025) 850 final

2025/0319 (BUD)

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2025**

**Aġġustament fl-appropriazzjonijiet ta' pagament, aġġornament tad-dħul u
aġġornamenti tekniċi oħra**

Wara li kkunsidra:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)², u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2024³,
- il-baġit emendatorju Nru 1/2025⁴, adottat fid-9 ta' Lulju 2025,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2025⁵, adottat fl-4 ta' Lulju 2025,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-baġit tal-2025.

BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u tan-nefqa u għat-taqsimi individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm>).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

² ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

³ ĠU L, 2025/31, 27.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/budget/2025/31/oj>.

⁴ ĠU L, 2025/1565, 12.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2025/1565/oj.

⁵ COM(2025) 410, 4.7.2025

Werrej

1.	INTRODUZZJONI	3
2.	AĠĠORNAMENT TA' ELEMENTI TAN-NEFQA	5
2.1	ŻIEDA FIL-ĦTIĠIJET FL-APPROPRJAZZJONIET TA' PAGAMENT	5
2.2	FTEHIMIET TA' SHUBJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS)	6
2.3	TNAQQIS FL-IMPENJI GĦALL-ISTRUMENT GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI	7
2.4	TNAQQIS FL-IMPENJI GĦALL-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU	7
2.5	TNAQQIS FIL-PAGAMENTI GĦALL-FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA	7
2.6	AĠĠUSTAMENTI ADDIZZJONALI GĦALL-AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI	8
2.6.1	<i>Tnaqqis għall-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)</i>	<i>8</i>
2.6.2	<i>Ritorn ta' riżerva — Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)</i>	<i>8</i>
2.6.3	<i>Żieda għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)</i>	<i>8</i>
2.6.4	<i>Trasferiment mill-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA) għall-programm tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)</i>	<i>9</i>
2.6.5	<i>Ir-ritorn ta' riżerva għall-programm LIFE — l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)</i>	<i>9</i>
2.6.6	<i>Ritorn ta' riżerva għall-programm tat-trasport tas-CEF — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)</i>	<i>10</i>
2.6.7	<i>Ritorn ta' riżerva għall-programm tas-Suq Uniku — l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)</i>	<i>10</i>
3.	AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL	10
3.1	MULTI U PAGAMENTI TA' PENALI	10
3.2	RIŻORSI PROPRI TRADIZZJONALI — SURPLUS	11
3.3	IMPATT FUQ IL-KONTRIBUZZJONI GĦAR-RIŻORSA PROPRIA BBAŻATA FUQ L-ING GĦALL-2025	11
4.	FINANZJAMENT	12
5.	TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP	13

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-iskop tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3 għas-sena 2025 huwa li jaġġorna kemm in-naħa tan-nefqa kif ukoll dik tad-dħul tal-baġit.

Il-bidliet proposti fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit jikkonċernaw l-elementi li ġejjin:

1. Żieda fil-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal ammont ta' EUR 2 biljun, għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) għal ammont ta' EUR 0.7 biljun u għall-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) għal ammont ta' EUR 357 miljun. Dawn l-ammonti ma setgħux jiġu inklużi fir-riallokazzjonijiet proposti fit-“Trasferiment globali” (DEC 15/2025) ippreżentati lill-Parlament u lill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2025;
2. Aġġornament tal-ħtiġijiet għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi;
3. Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI) minħabba dewmien fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri;
4. Tnaqqis fl-impenji għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku minħabba titjib fl-effiċjenza minn proċeduri ta' akkwist kompetittivi;
5. Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Faċilità għall-Ukrajna peress li l-profil ta' pagament tal-2025 ġie affettwat minn bidliet fis-suppożizzjonijiet bħal fir-ritmu tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti, id-data tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' garanzija u taħlit, u t-twaqqit tal-pagament tas-sussidji għall-kostijiet tat-teħid b'self;
6. Aġġustament tal-kontribuzzjoni tal-UE lil diversi aġenziji deċentralizzati, marbut mal-implimentazzjoni jew raġunijiet speċifiċi oħra, kif ġej:
 - Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament allokati lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), peress li għadd sinifikanti ta' persunal li l-AMLA rreklutat se jiehru kariga biss lejn tmiem l-2025;
 - Ritorn tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-istrateġija ta' investiment fil-livell tal-konsumatur;
 - Żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) biex jiġi kopert l-impatt finanzjarju taċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju;
 - Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament allokati lill-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA), minħabba l-fatt li l-attivitajiet tal-EUAA biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil issa se jibdew biss fl-2026. L-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ritornati se jiġu ttrasferiti għall-Faċilità Tematika tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (AMIF) biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-AMIF stess fl-implimentazzjoni tal-Patt u biex tiġi koperta l-ħtieġa akbar għal approprjazzjonijiet ta' pagament bħala riżultat ta' pagamenti interim ogħla milli mistenni lill-Istati Membri;
 - Ritorn tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Dan huwa dovut għal dewmien fl-adozzjoni tal-proposti dwar il-Pakkett dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Ilma/Tniġġis Żero, l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi, il-Monitoraġġ tal-Foresti u wkoll minħabba l-ħtiġijiet imnaqqsa fl-2025 għall-istadji bikrija tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-attribuzzjoni mill-ġdid tal-kompiti fil-qasam tas-sustanzi kimiċi;

- Ritorn tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-programm tat-trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-pakkett dwar is-sikurezza marittima.
- Ritorn tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Programm tas-Suq Uniku (SMP) Ikel) mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-proposta dwar tekniki ġenomiċi ġodda.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal tnaqqis ta' EUR 123,7 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 2 517,0 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

Fuq in-naħa tad-dħul, dan l-ABE jinkorpora EUR 1 185.1 miljun addizzjonali ta' multi definittivi u pagamenti ta' penali mħallsa sat-30 ta' Settembru 2025 u EUR 1 300 miljun tas-surplus stmat tar-RPT. L-impatt globali fuq in-naħa tad-dħul huwa għalhekk żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-ING ta' EUR 31.9 miljun.

2. AĠĠORNAMENT TA' ELEMENTI TAN-NEFQA

2.1 Żieda fil-ħtiġijiet fl-appropriazzjonijiet ta' pagament

It-“Trasferiment globali” huwa eżerċizzju annwali organizzat fi ħdan il-Kummissjoni li għalih id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi kollha huma mitluba jirrieżaminaw sa kmieni f'Settembru l-implimentazzjoni tal-pagamenti rispettiva tagħhom tal-baġit attwali sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jiddetermina l-ħtiġijiet eżatti u jiżgura l-implimentazzjoni massima tal-baġit f'appropriazzjonijiet ta' pagament fi tmiem is-sena billi jqabbel il-ħtiġijiet addizzjonali mas-sottoimplimentazzjoni mistennija. Talba għal trasferiment skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju tiġi ppreżentata kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala riżultat.

L-eżerċizzju ta' “Trasferiment globali” wera li l-baġit ivvutat li jifdal u d-dħul assenjat disponibbli mhux se jkun biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ta' pagament stmati sa tmiem is-sena għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI). Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-programmi tal-FEŻR, tal-FSE + u tal-BMVI kif ġej:

- **Programmi ta' Koeżjoni 2021–2027**

Wara bidu aktar bil-mod għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2021–2027 minħabba l-adozzjoni tardiva tal-qafas regolatorju u l-enfasi tal-awtoritajiet manigjerjali fuq l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament bi skadenza iqsar, l-implimentazzjoni issa qed tiżdied b'mod ċar. Il-baġit tal-2024 ġie eżegwit bis-sħiħ, inkluż it-tisħiħ ta' EUR 2.9 biljun fil-Baġit Emendatorju Nru 5 u d-dħul assenjat kollu disponibbli, b'akkumulazzjoni normali (qrib EUR 5 biljun) ta' applikazzjonijiet għal pagament li baqgħu ma tħallsux fi tmiem is-sena. Dawn it-talbiet tħallsu fil-bidu tal-2025, u b'hekk ikkunsmaw l-appropriazzjonijiet tal-baġit ivvutati għall-2025. Barra minn hekk, l-adozzjoni tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) kienet oġġla milli kien mistenni inizjalment, b'EUR 11.7 biljun ta' riżorsi ta' koeżjoni allokat għall-prijoritajiet ta' STEP minn Settembru 2025. Il-previżjonijiet tal-Istati Membri ppreżentati f'Lulju 2025 u l-evoluzzjoni tar-rata tal-għażla tal-proġetti (qrib it-50 % minn Ġunju 2025, meta mqabbla ma' 23 % sena ilu) jikkonfermaw l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni fil-prattika u l-ħtieġa għal tisħiħ biex jiġu koperti l-ħtiġijiet stmati kollha sa tmiem is-sena.

- **Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI, Border Management and Visa Policy)**

Żieda ta' EUR 357 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-BMVI sabiex jiġu onorati pagamenti interim oġġla milli mistenni (li jirriżultaw minn żieda fil-previżjonijiet tal-pagamenti mill-Istati Membri) u biex jiġi kopert ix-xogħol b'lura normali mill-2024 imħallas kmieni fl-2025.

Iż-żieda dettaljata fl-appropriazzjonijiet ta' pagament mitluba f'dan l-ABE 3/2025 tinsab hawn taħt:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	0	2 000 000 000
07 02 01	Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Nefqa operazzjonali	0	700 000 000
11 02 01	L-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi	0	357 000 000
Total		0	3 057 000 000

2.2 Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)

Il-Kummissjoni tinneogzja, tikkonkludi u timplimenta Ftehimiet bilaterali ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi sħab. Fiż-żmien meta ġie stabbilit il-baġit tal-2025, diversi ftehimiet u protokoll li jimplimentaw dawn il-ftehimiet ("protokoll ta' implimentazzjoni") baqgħu qed jiġu nneogzjati. Minħabba dan, u f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju u mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020⁶, ammont ta' EUR 39.9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 22.4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament jibqa' disponibbli fil-forma ta' riżervi.

L-istatus tal-protokoll u n-negozjati ta' implimentazzjoni rilevanti:

- Il-Protokoll ta' implimentazzjoni attwali mal-Kosta tal-Avorju ġie ffirmat fis-6 ta' Ġunju 2025 u ġie applikat b'mod proviżorju minn dik id-data, li jkopri l-perjodu mis-6 ta' Ġunju 2025 sal-5 ta' Ġunju 2029.
- In-negozjati ma' São Tomé u Príncipe kkonkludew u huwa mistenni li jiġi ffirmat protokoll ta' implimentazzjoni ġdid u li jidħol fis-seħħ b'mod proviżorju f'Ottubru 2025.
- In-negozjati mal-Gżejjer Cook ikkonkludew u huwa mistenni li jiġi ffirmat protokoll ta' implimentazzjoni ġdid u li jidħol fis-seħħ b'mod proviżorju f'Diċembru 2025.
- Fir-rigward ta' protokoll ta' implimentazzjoni ġdid mal-Gabon, fit-8 ta' Settembru ġiet adottata Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati (COM (2025) 465). L-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-protokoll mhumieq mistennija fl-2025.
- Fir-rigward ta' protokoll ta' implimentazzjoni ġdid mas-Seychelles, wara l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati (COM (2025) 269), in-negozjati għadhom għaddejnin. L-iffirmar tal-protokoll il-ġdid mhuwiegħ mistenni qabel l-ewwel kwart tal-2026.

Rigward l-approprjazzjonijiet li jifdal fir-riżerva:

- Għall-Marokk, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi konġunti C-778/21 P Il-Kummissjoni vs Front Polisario u C-798/21 P Il-Kunsill vs Front Polisario fl-4 ta' Ottubru 2024 irriżultat fil-ħtieġa ta' ftehim ġdid u protokoll ta' implimentazzjoni, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa mistenni li jiġi ffirmat u li jidħol f'applikazzjoni proviżorja fl-2025.
- Għall-Angola, il-Guinea, il-Liberja u s-Senegal, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati għal protokoll li ġodda ta' implimentazzjoni għadhom ma ġewx adottati.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tikkanċella l-ammonti fir-riżerva li mhux se jkunu meħtieġa fl-2025, li jikkorrispondu għal EUR 39.9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 22.4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Dan jirrifletti wkoll il-fatt li l-Abbozz tal-Baġit 2026 diġà jipprovdi approprjazzjonijiet fil-linja ta' riżerva tal-SFPA biex ikopru protokoll li minflok huma mistennija li jiġu ffirmati fl-2026. Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01)	- 39 947 143	- 22 392 143
Total		-39 947 143	-22 392 143

⁶ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2020/1222/oj.

2.3 Tnaqqis fl-impenji għall-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali

L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI) tnaqqsu b'EUR 68.4 miljun fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju tat-2 minħabba dewmien fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri, bil-fondi mbagħad trasferiti għal prijoritajiet oħra bħar-Riforma Doganali u l-Mecahnizmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM). Barra minn hekk, it-tielet sejħa tas-CCEI dwar il-kummerċ elettroniku ppjanata għall-2025 ġiet posposta għall-2026, biex tiġi żgurata effiċjenza massima fl-infiq tal-fondi tal-UE u allinjament mal-ħidma tal-Awtorità Doganali tal-UE li jmiss. Dawn il-bidliet fil-prijoritajiet irriżultaw fi ħtiġijiet aktar baxxi għas-CCEI fl-2025 ta' EUR 78.03 miljun f'impenji u EUR 47.86 miljun f'pagamenti. Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
11 03 01	Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali	-78 032 393	-47 859 845
Total		-78 032 393	-47 859 845

2.4 Tnaqqis fl-impenji għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku

Permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), il-Kummissjoni ttipprovdi għarfien espert imfassal apposta lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva meħtieġa biex jiżviluppaw u jimplimentaw riformi li jsaħħu t-tkabbir. Għall-2025, qed jiġi propost tnaqqis ta' EUR 5 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn għat-TSI, bi tnaqqis ekwivalenti fl-appropriazzjonijiet ta' pagament inklużi fit-Trasferiment Globali. It-tnaqqis propost huwa dovut għal kisbiet fl-effiċjenza minn proċeduri ta' akkwist kompetittivi. Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
06 02 02	Strument ta' Appoġġ Tekniku	-5 000 000	0
Total		-5 000 000	0

2.5 Tnaqqis fil-pagamenti għall-Faċilità għall-Ukrajna

Il-profil ta' pagament inizjali għall-2025 taħt il-Faċilità għall-Ukrajna kien ibbażat fuq sensiela ta' suppożizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-pass tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti skont il-Pjan għall-Ukrajna, id-data tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' garanzija u ta' taħlit u t-twaqqit tal-pagament tas-sussidji tal-kostijiet tas-self. Abbażi tal-aħħar previżjonijiet, huwa mistenni surplus ta' appropriazzjonijiet ta' pagament qrib l-EUR 1.2 biljun sa tmiem l-2025.

Filwaqt li kważi EUR 0.7 biljun ta' dan is-surplus jeħtieġ li jiġu riportati għall-2026 (eż. għal fondi miżmuma għal riformi u investimenti li għadhom jistgħu jiġu żborżati sa 12-il xahar wara valutazzjoni negattiva inizjali), il-bqija (EUR 469 miljun) jistgħu jiġu posposti għall-2027 abbażi ta' suppożizzjonijiet ta' żborż riveduti. Dan huwa partikolarment il-każ għal sehem mill-flussi tal-pagamenti relatati mal-ftehimiet ta' taħlit (abbażi tar-ritmu attwali tax-xejriet tal-iffirmar u tal-pagamenti) u għal sehem mill-flussi tal-pagamenti għas-sussidji tal-kostijiet tas-self (fejn kull kost tas-self trimestrali jiġi żborżat biss fil-bidu tat-trimestru li jmiss). Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
16 06 02 02	Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna	0	-400 000 000
16 06 03 02	Sussidju għall-kostijiet tas-self	0	-69 000 000
Total		0	-469 000 000

2.6 Aġġustamenti addizzjonali għall-aġenziji deċentralizzati

2.6.1 Tnaqqis għall-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

L-awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) inkludiet fil-baġit tagħha tal-2025 il-kostijiet ta' sena sħiħa għal porzjon mill-karigi tal-persunal tagħha u l-kostijiet ta' nofs is-sena għall-bqija tal-postijiet. Madankollu, minħabba li l-biċċa l-kbira tar-reklutaġġi saru biss fl-aħħar ftit xhur tal-2025, il-baġit allokat għall-ispejjeż tal-persunal mhux se jiġi eżawrit kompletament. Il-baġit tal-AMLA huwa għalhekk propost li jitnaqqas b'EUR 600 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-2025. Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
03 10 05	Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)	-600 000	-600 000
Total		-600 000	-600 000

2.6.2 Ritorn ta' riżerva — Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)

Fil-baġit tal-2025, EUR 0.9 miljun kemm f'appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'appropriazzjonijiet ta' pagament tqiegħdu f'riżerva għall-benefiċċju tal-EIOPA u l-ESMA għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' investiment fil-livell tal-konsumatur. Minħabba l-progress bil-mod fin-negozjar tal-leġiżlazzjoni proposta, huwa mistenni li dawn l-aġenziji mhux se jkunu jistgħu jużaw dawn l-ammonti. Għalhekk, l-ammont tar-riżerva għall-EIOPA u l-ESMA ta' EUR 379 000 u EUR 484 000 rispettivament se jiġi rritornat kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Appropriazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 03)	-379 000	-379 000
30 02 02	Appropriazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 04)	-484 000	-484 000
Total		-863 000	-863 000

2.6.3 Żieda għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)

Hija mitluba żieda żgħira ta' EUR 700 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal-linja ta' sussidju tal-ECDC. Dan se jkopri l-impatt finanzjarju tal-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju, li affettwaw kemm ir-remunerazzjoni tal-persunal kif ukoll il-kostijiet amministrattivi. Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			

06 10 01	Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard	700 000	700 000
Total		700 000	700 000

2.6.4 Trasferiment mill-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA) għall-programm tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)

Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP ipprovdiet EUR 2 biljun addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u biex tappoġġa lill-Istati Membri l-aktar esposti fil-ġestjoni tal-isfidi u l-ħtiġijiet urġenti relatati mal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Bħala parti minn dan, l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA) ġiet allokata EUR 53 miljun addizzjonali u 75 aġent kuntrattwali fl-2025, f'konformità mar-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha skont il-Patt. Peress li l-attivitajiet speċifiċi tal-EUAA issa huma mistennija li jibdeu fl-2026, huwa propost li din l-allokazzjoni titnaqqas b'EUR 48 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u b'EUR 45 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

L-approprijazzjonijiet ta' impenn se jiġu ttrasferiti għall-programm AMIF biex jappoġġaw l-attivitajiet tal-AMIF stess biex jiġi implimentat il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. L-approprijazzjonijiet ta' pagament se jintużaw mill-faċilità tematika tal-AMIF biex jiġu onorati l-pagamenti interim oġġla milli mistenni lill-Istati Membri, marbuta mad-diskrepanza fl-approprijazzjonijiet ta' pagament mill-2024 riportati għall-2025.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
10 10 01	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Union Agency for Asylum)	-48 000 000	-45 000 000
10 02 01	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	48 000 000	45 000 000
Total		0	0

2.6.5 Ir-ritorn ta' riżerva għall-programm LIFE — l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

Fil-baġit tal-2025, l-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'valur ta' EUR 6.4 miljun, li joriġinaw mill-programm LIFE, tqiegħdu f'riżerva għall-benefiċċju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), sakemm isiru n-negozjati leġislattivi tal-proposti dwar il-Pakkett dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Ilma/Tniġġis Żero, dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi, dwar il-Monitoraġġ tal-Foresti u l-attribuzzjoni mill-ġdid tal-kompiti fil-qasam tas-sustanzi kimiċi. Minħabba dewmien fil-proċedura leġislattiva ta' dawn il-proposti u minħabba ħtiġijiet imnaqqsa fl-2025 bħala riżultat tad-dewmien fil-bidu tal-implimentazzjoni għar-Regolament dwar l-attribuzzjoni mill-ġdid tal-kompiti, il-Kummissjoni tippromponi li l-approprijazzjonijiet korrispondenti jiġu rritornati għall-programm LIFE, kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approprijazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 01)	-3 483 742	-3 483 742
30 02 02	Approprijazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 02)	-2 899 553	-2 899 553
09 02 01	In-natura u l-bijodiversità	290 858	290 858
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	5 801 579	5 801 579
09 02 03	Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima	290 858	290 858
Total		0	0

2.6.6 Ritorn ta' riżerva għall-programm tat-trasport tas-CEF — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)

Il-baġit tal-2025 għall-EMSA jinkludi EUR 1,791 miljun ta' riżervi f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li tqiegħdu f'riżerva sakemm joħroġ l-eżitu tan-negozjati leġiżlattivi tar-Regolament Fundatur rivedut tal-aġenzija. Dan l-ammont ġie kkompensat bi tnaqqis kumpensatorju fis-CEF Trasport. Peress li l-adozzjoni mistennija sseħħ tard fit-tieni trimestru tal-4 tal-2025, l-aġenzija mhux se tkun tista' tassorbi u timplimenta l-approprijazzjonijiet fil-ħin. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li l-approprijazzjonijiet korrispondenti jiġu rritornati għall-programm CEF, kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 02 10 02)	-1 791 000	-1 791 000
02 03 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport	1 791 000	1 791 000
Total		0	0

2.6.7 Ritorn ta' riżerva għall-programm tas-Suq Uniku – l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)

Fil-baġit tal-2025, l-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' EUR 0.4 miljun u EUR 0.08 miljun rispettivament, li joriġinaw mill-programm tal-ikel SMP, tqiegħdu f'riżerva għall-benefiċċju tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), sakemm isiru n-negozjati leġiżlattivi tal-proposta dwar il-pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom. Minħabba dewmien fil-proċedura leġiżlattiva ta' din il-proposta, il-Kummissjoni tipproponi li l-approprijazzjonijiet korrispondenti jiġu rritornati għall-programm tal-ikel SMP, kif previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 06 10 02)	-405 000	-81 000
03 02 06	Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti	405 000	81 000
Total		0	0

3. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

L-ABE 3/2025 jipproponi li fil-baġit tal-2025 jiġi inkorporat ammont ta' EUR 1 576.7 miljun f'multi definittivi u pagamenti ta' penali mħallsa sa Ottubru 2025 (żieda ta' EUR 1 185.1 miljun meta mqabbel mal-ABE 2/2025) u ammont ta' EUR 1 300 miljun f'RPT addizzjonali minħabba dħul oġġla minn dak previst fil-baġit.

3.1 Multi u pagamenti ta' penali

Meta jitqiesu l-multi definittivi u l-pagamenti ta' penali mħallsa sa Ottubru 2025, huwa propost li jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin fil-baġit tal-2025:

- EUR 654,3 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni.
- EUR 528 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattati.

c) EUR 2.7 miljun ta' mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.

Għalhekk qed jiġi propost li jiżdiedu l-ammonti rrapportati fl-ABE 2/2025 ta' EUR 392 miljun b'EUR 1 185.1 miljun, u b'hekk jammontaw għal EUR 1 576.7 miljun. Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

Linja tad-dħul	Isem	ABE 2/2025	ABE 3/2025	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni	409 213 301	654 334 000	1 063 547 301
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	35 915 569	528 021 069	563 936 638
4 2 4	L-imgħax marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali	p.m.	2 764 975	2 764 975
4 2 5	Imgħax, imposti oħra dovuti u redditi negattivi dwar multi kkanċellati jew imnaqqsa	-53 553 502	—	-53 553 502
4 2 9	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati	p.m.	—	p.m.
Total		391 575 368	1 185 120 044	1 576 695 412

3.2 Riżorsi Propriji Tradizzjonali — Surplus

L-ABE 2/2025 inkluda l-previżjonijiet riveduti għall-2025 għan-naħa tad-dħul tal-baġit, kif miftiehem fil-194 laqgħa tal-KKRP fis-26 ta' Mejju 2025. Madankollu, abbażi ta' ammont oġġettiv ta' dazji doganali li saru disponibbli milli previst matul il-perjodu Jannar-Awwissu huwa xieraq li jiżdiedu l-istimi għar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali (RPT) għal ammont totali ta' EUR 1 300 miljun.

3.3 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2025

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta mqabbla mal-ABE 2/2025 huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Stat Membru	ABE 2/2025	ABE 3/2025	Ammont ġdid
	(1)	(2)	(3) = (1) + (2)
Il-Belġju	3 525 708 596	1 106 566	3 526 815 162
Il-Bulgarija	582 591 160	182 850	582 774 010
Ir-Repubblika Ċeka	1 746 074 657	548 017	1 746 622 674
Id-Danimarka	2 358 418 487	740 205	2 359 158 692
Il-Ġermanja	24 988 593 541	7 842 837	24 996 436 378
L-Estonja	222 970 651	69 980	223 040 631
L-Irlanda	2 186 539 540	686 260	2 187 225 800
Il-Greċja	1 332 104 952	418 090	1 332 523 042
Spanja	9 103 233 993	2 857 110	9 106 091 103
Franza	16 642 263 742	5 223 284	16 647 487 026
Il-Kroazja	500 673 183	157 140	500 830 323
L-Italja	12 274 837 916	3 852 538	12 278 690 454
Ċipru	174 671 083	54 821	174 725 904
Il-Latvja	225 258 559	70 699	225 329 258
Il-Litwanja	443 710 330	139 261	443 849 591
Il-Lussemburgu	318 627 577	100 004	318 727 581
L-Ungerija	1 127 226 794	353 787	1 127 580 581
Malta	113 664 560	35 674	113 700 234
In-Netherlands	6 466 765 873	2 029 637	6 468 795 510

L-Awstrija	2 701 839 134	847 990	2 702 687 124
Il-Polonja	4 853 620 964	1 523 341	4 855 144 305
Il-Portugall	1 610 427 230	505 443	1 610 932 673
Ir-Rumanija	2 044 376 034	641 641	2 045 017 675
Is-Slovenja	380 591 091	119 451	380 710 542
Ir-Repubblika			
Slovakka	731 538 461	229 598	731 768 059
Il-Finlandja	1 569 141 397	492 485	1 569 633 882
L-Iżvezja	3 301 696 643	1 036 259	3 302 732 902
Total	101 527 166 148	31 864 968	101 559 031 116

4. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE 3/2025 huwa tnaqqis ta' EUR 123.7 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' EUR 2 517.0 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament taħt il-baġit tal-2025. Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' pagament hija kważi kompletament ikkumpensata minn dħul addizzjonali b'valur ta' EUR 2 485.1 miljun. Dan iħalli EUR 31.9 miljun biex jiġu koperti permezz ta' żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-ING.

Bħala riżultat ta' bidliet speċifiċi fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-Intestatura 2b, huwa propost li titnaqqas il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà b'EUR 4.7 miljun f'din l-intestatura, bi tnaqqis korrispondenti fil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

L-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-2025 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2022 sal-2025 huma stmati għal EUR 1 395,1 miljun, fi prezzijiet kurrenti. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

<i>Strumenti ta' Flessibbiltà - profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)</i>					
<i>Sena ta' mobilizzazzjoni</i>	2025	2026	2027	Lil hinn mill-QFP	Total
2022	36,7				36,7
2023	120,6	83,2			203,8
2024	107,6	83,7	46,3		237,5
2025	1 130,1	15,8	9,4	5,7	1 161,1
Total	1 395,1	182,7	55,7	5,7	1 639,1

Iċ-ċifri jistgħu ma jaqblux eżattament minħabba l-arrotondament

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

		Baġit 2025 (inkl. ABE 1-2/2025)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 3/2025		Baġit 2025 (inkl. ABE 1-3/2025)	
		AI	AP	AI	AP	AI	AP
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 540 062 907	20 460 646 037	-1 058 000	-1 382 000	21 539 004 907	20 459 264 037
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>21 596 000 000</i>				<i>21 596 000 000</i>	
	<i>Marġini</i>	<i>55 937 093</i>		<i>1 058 000</i>		<i>56 995 093</i>	
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri#	77 983 510 680	44 446 179 437	-4 705 000	2 700 619 000	77 978 805 680	47 146 798 437
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>75 697 000 000</i>				<i>75 697 000 000</i>	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>1 144 928 584</i>		<i>-4 705 000</i>	<i>-4 705 000</i>	<i>1 140 223 584</i>	
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	<i>1 141 582 096</i>				<i>1 141 582 096</i>	
	<i>Marġini</i>						
2a.	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	66 365 744 035	33 260 377 346		2 700 000 000	66 365 744 035	35 960 377 346
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>66 361 000 000</i>				<i>66 361 000 000</i>	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>4 744 035</i>				<i>4 744 035</i>	
	<i>Marġini</i>						
2b.	Reżiljenza u valuri	11 617 766 645	11 185 802 091	-4 705 000	619 000	11 613 061 645	11 186 421 091
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>9 336 000 000</i>				<i>9 336 000 000</i>	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>1 140 184 549</i>		<i>-4 705 000</i>	<i>-4 705 000</i>	<i>1 135 479 549</i>	
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	<i>1 141 582 096</i>				<i>1 141 582 096</i>	
	<i>Marġini</i>						
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	56 739 667 594	55 605 510 102	-39 947 143	-22 392 143	56 699 720 451	55 583 117 959
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>57 336 000 000</i>				<i>57 336 000 000</i>	
	<i>Marġini</i>	<i>596 332 406</i>		<i>39 947 143</i>		<i>636 279 549</i>	
	li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	39 975 892 542	40 030 717 961			39 975 892 542	40 030 717 961
	<i>Sublimitu tal-FAEG</i>	<i>41 646 000 000</i>				<i>41 646 000 000</i>	
	<i>Ittondjar tad-differenza eskluża għall-kalkolu tas-sottomarġni</i>	<i>72 000</i>				<i>72 000</i>	
	<i>Trasferimenti netti bejn l-FAEG u l-FAEŻR</i>	<i>-1 117 072 000</i>				<i>-1 117 072 000</i>	
	<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	<i>40 529 000 000</i>				<i>40 529 000 000</i>	
	<i>Submargni tal-FAEG</i>	<i>553 107 458</i>				<i>553 107 458</i>	
4	Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri	4 722 798 024	3 203 947 754	-78 032 393	309 140 155	4 644 765 631	3 513 087 909
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>4 871 000 000</i>				<i>4 871 000 000</i>	
	<i>Marġini</i>	<i>148 201 976</i>		<i>78 032 393</i>		<i>226 234 369</i>	
5	Sigurtà u Difiża	2 632 589 260	2 143 154 694			2 632 589 260	2 143 154 694
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>2 617 000 000</i>				<i>2 617 000 000</i>	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>15 589 260</i>				<i>15 589 260</i>	
	<i>Marġini</i>						
6	Il-Viċinat u d-Dinja	16 308 245 797	14 426 257 975			16 308 245 797	14 426 257 975
	<i>Limitu Massimu</i>	<i>16 303 000 000</i>				<i>16 303 000 000</i>	

	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	5 245 797				5 245 797	
	<i>Marġini</i>						
7	Amministrazzjoni pubblika Ewropea	12 845 030 641	12 845 030 641			12 845 030 641	12 845 030 641
	<i>Limitu Massimu</i>	12 124 000 000				12 124 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	721 030 641				721 030 641	
	<i>Marġini</i>						
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	9 720 485 985	9 720 485 985			9 720 485 985	9 720 485 985
	<i>Sottolimitu</i>	9 219 000 000				9 219 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	501 485 985				501 485 985	
	<i>Sottomarġini</i>						
	Appropriazzjonijiet għal intestaturi	192 771 904 903	153 130 726 640	-123 742 536	2 985 985 012	192 648 162 367	156 116 711 652
	<i>Limitu Massimu</i>	190 544 000 000	175 378 000 000			190 544 000 000	175 378 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	1 165 763 641	1 399 812 457	-4 705 000	-4 705 000	1 161 058 641	1 395 107 457
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	721 030 641				721 030 641	
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	1 141 582 096	1 141 582 096			1 141 582 096	1 141 582 096
	<i>Marġini</i>	800 471 475	24 788 667 913	119 037 536	-2 990 690 012	919 509 011	21 797 977 901
	Strumenti speċjali tematiċi	6 669 866 079	5 593 595 842		-469 000 000	6 669 866 079	5 124 595 842
	Total tal-appropriazzjonijiet	199 441 770 982	158 724 322 482	-123 742 536	2 516 985 012	199 318 028 446	161 241 307 494